Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2005

Numru 706/2002

Il-Pulizija
(Spettur Walter Spiteri)

vs

Raymond Debono

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat Raymond Debono ta' karta ta' identita' numru 536059(m) akkuzat talli:

1. f'Marsaxlokk fis-6 ta' Lulju, 2002, filwaqt li hu ufficjal pubbliku,sar hati ta' reati li kellhu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga kellhu d-dmir li jimpedixxi -Artikolu 141 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. volontarjament ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli, fuq vettura AAF-308 tal-ghamla Suzuki ghad-detriment ta' sidha Joseph Abela, liema hsara ma tiskorrix Lm500 – Artikolu 325(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. ikkaguna offizi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Johnathan Abela b'daqqjiet ta' arma regulari (lembuba tal-Pulizija) skond kif iccertifika Dr.E.Agius – Artikolu 221 tal-Kap 9;

4. kiser il-paci pubbliku b'ghajjat, glied jew mod iehor, qal kliem fahxi fil-pubbliku u hedded bi kliem lill-istess Jonathan Abela.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament mhux opposta;

Ezaminat ix-xhiedha u semghat ukoll xhiedha kompriz l-imputat bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-akkuzi kontra l-imputat jirreferu ghall-hsara volontarja, li kkaguna feriti hfief, u li kkommetta offizi kontravenzjonali li jolqtu l-ksur tal-paci pubblika, ta' kliem fahxi, u ta' theddid. Hu akkuzat bl-aggravju li wettaq l-offizi meta huwa membru fil-korp tal-pulizija.

Issa l-htija tal-imputat, fil-maggjoranza tal-akkuzi, tohrog wisq car mill-provi. Jirrisulta esawrientement li l-imputat fil-gurnata tas-6 ta' Lulju kkommetta, kif ser jinghad, l-offizi lilu addebitati, cjoe, li ghamel hsara volotarja fuq il-vettura AAF-308 Suzuki Jeep proprjeta ta' Joseph Abela, li kkaguna feriti fuq il-persuna ta' Jonathan Abela, li kkommetta l-offizi kontravenzjonali tal-ksur tal-paci

pubblika u theddid; dana fil-waqt li bhala ufficjal pubbliku kellu d-dmir li jissorvelja li ma jsirux jew li jimpedixxi li jsiru.

Ghal dik li hija l-hsara fil-vettura, sidha stqarr li din kienet ta’ Lm150 li l-imputat ikkontesta u stqarr li kienet ta’ Lm45. Jirrisulta minn fatturi esebiti li l-hsara tammonta ghal Lm137 li ghal finijiet ta’ dan il-gudikat ser tittiehed bhala l-hsara realment u effettivament maghmula.

Ghal dak li huma feriti kkagunati fuq Jonathan Abela irrispettivament minn dak li xehed it-tabib dawn gew indikati fl-akkuza bhala ta’ natura hafifa u ghalhekk l-feriti ghandhom jigu kkunsidrati ta’ din l-entita’.

Ghal dawk li huma l-offizi kontravenzjonali t-theddid jew ahjar it-theddida tirrisulta minn diversi xhieda waqt li l-ksur tal-paci pubblika ghandha tirrisulta stante li bl-agir tieghu l-imputat qajjem apprensjoni f’dawk il-persuni, jew minhabba l-inkolumita’ taghhom jew ukoll ghall-proprjeta’ taghhom.

Fuq il-bilancja l-ohra ghandu jirrisulta li l-imputat fil-hin li kkommetta r-reati kien taht agitazzjoni li ghandha tirrisulta wisq car mic-cirkostanzi u l-provi izda li l-agir tieghu cjoe r-rejazzjoni oltrepassat l-limitu tal-bzonn.

Ghaldaqstant, wara li rat l-arttikolu 325(b), 221, 338(dd), 339(e), 17, 230 , 232, 141 u 31 tal-Kap 9 tiddecidi, fil-konfront tal-offiza tal-hsara volontarja, li tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghall-perjodu ta’ sena mill-lum bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 b’dan li ihallas lill-Joseph Abela l-ammont ta’ Lm137 konsistenti fil-hsara inflitta fuq il-vettura tal-istess u dan ai termini tal-istess Kap 446, u in kwantu ghal offizi l-ohra li taghhom instab hati li tikkundannah multa komplessiva ta’ Lm50.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------